C/2024/7430

11.12.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11774 – VISTA / BLACKSTONE / SMARTSHEET)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/7430)

1. Fid-29 ta' Novembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Vista Equity Partners Management, LLC (flimkien mal-affiljati tagħha "Vista", l-Istati Uniti tal-Amerka) ikkontrollata minn VEP Group, LLC (l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Blackstone Inc. ("Blackstone", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Smartsheet, Inc. ("Smartsheet", l-Istati Uniti tal-Amerka).

Vista u Blackstone se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Smartsheet kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Vista hija ditta ta' ekwità privata ffukata fuq il-finanzjament ta' negozji tas-software għall-intrapriżi, ta' negozji tad-data u ta' negozji abilitati bit-teknoloġija.

— Blackstone hija maniġer tal-assi alternattivi globali.

— Smartsheet hija fornitur ta' software bbażat fuq il-cloud bħala offerta ta' servizz iċċentrata fuq l-ispreadsheets għall-kollaborazzjoni u l-ġestjoni ta' proġetti tax-xogħol.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11774 – VISTA / BLACKSTONE / SMARTSHEET

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË